MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2005

Numru 1/2005

Wara l-kawza fl-ismijiet
“Il-Pulizija
(Spettur Joseph Valletta)
(Spettur Pierre Calleja)
vs
Mark Abdilla, Carmel sive Charles Zammit
u Josephine sive Joanne Vella”
deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fid-9 ta’ Ottubru, 2003 saret Nota mill-Ufficjal tal-Probation John Testa, illi permezz taghha ghamel denunzja lil din il-Qorti fis-sens ta’ l-Artikolu 21 ta’ l-Att V11 tal-2002 dwar il-Probation, fejn issottometta illi is-sentenza hawn fuq kien appuntat Ufficjal tal-Probation ta’ Carmel sive Charles Zammit u sussegwentement hu gie mahtur bhala dan l-ufficjal tal-probation;

Illi Charles Zammit naqas li joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mill-istess Ufficjal tal-Probation jigifieri li joqghod ‘il boghod mill-abbuz tad-droga sabiex tigi assigurata r-riabilitazzjoni tieghu;

Illi minn informazzjoni li ngabret mill-Ufficjal tal-Probation mis-Substance Misuse Unit (Detox) irrizulta li Charles Zammit pprovda lis-Substance Misuse Unit b'kampjun ta' l-urina li rrizulta li mhux tieghu personali;

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, John Testa hassu fid-dmir illi jattira l-attenzjoni tal-Qorti ghal dan il-fatt, biex il-Qorti tiehu dawk il-mizuri li jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Marzu, 2005;

Rat ukoll id-digriet taghha tat-8 ta' Marzu, 2005;

Rat ir-risposta ta' Carmel sive Charles Zammit ghan-nota ta' l-Ufficjal tal-Probation John Testa li permezz taghha issottometta :

1. Illi ma hux minnu li Carmel sive Charles Zammit naqas li joqghod 'l boghod mill-abbuz tad-droga waqt il-perjodu tal-probation kif qed jigi allegat fin-nota tal-Ufficjal tal-Probation John Testa;
2. Illi lanqas huwa minnu li Carmel sive Charles Zammit ma qaghadx ghad-direttivi moghtija lilu mill-istess ufficjal tal-probation billi abbuza mid-droga;
3. Illi lanqas huwa minnu li Carmel sive Charles Zammit ipprovda lis-Substance Misuse Unit urina li ma kienitx tieghu;
4. Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, f'kaz li din l-Qorti kellha tichad il-linji difensjonali mressqa minn Carmel sive Charles Zammit, ikun opportun li din il-Qorti timponi ammenda minflok ma titratta ma Carmel sive Charles Zammit ghar-reat originali li tieghu kien instab hati, u dan anke in vista tal-fatt kif elenkati fis-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2003 u partikolarment li Carmel sive Charles Zammit kien beda u ittermina b'success programm ghar-riabilitazzjoni tad-droga mas-SATU;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti, inkluz l-istess Carmel sive Charles Zammit;

Rat il-provi kollha li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti, u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur u ta' l-Avukat difensur ta' Carmel sive Charles Zammit;

Ikkunsidrat :

Illi bazikament permezz tan-Nota tieghu tat-3 ta' Marzu, 2005 John Testa, illi kien appuntat Ufficjal tal-Probation ta' Carmel sive Charles Zammit wara s-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta datata 9 ta' Ottubru, 2003 irrapporta illi Charles Zammit naqas li joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mill-istess ufficjal tal-probation, jigifieri li joqghod 'il boghod mill-abbuz tad-droga, kif ukoll illi Charles Zammit ipprovda lis-Substance Misuse Unit b'kampjun ta' l-urina li irrizulta li mhux tieghu personali.

Illi dan kollu gie michud mill-istess Carmel sive Charles Zammit.

Illi meta xehed f'dawn il-proceduri, John Testa qal illi Dr Grech tad-Detox Centre kien qallu illi Charles Zammit kien issottometta kampjun ta' l-urina li ma kienx tieghu. Skond ix-xhieda li ta John Testa, Dr Grech kien qallu illi huwa kien induna b'dan ghaliex il-kampjun sottomess minn Charles Zammit kien irrizulta negattiv ghas-sustanza "methadone" u dan meta l-istess Charles Zammit kien jiehu regolarment il-methadone. L-Ufficjal tal-Probation kompla jixhed illi meta sema' b'dan talab lil Zammit jaghtih il-kampjun ta' l-urina u dan baqa' ma tahulux il-kampjun, minghajr ma ta ebda raguni valida. Skond l-istess Ufficjal tal-Probation, Zammit kien ammetta mieghu illi huwa kien abbuza mid-droga eroina. John Testa xehed ukoll illi Charles Zammit kien ittella Mount Carmel Hospital, wara li kien wera atteggjament aggressiv hafna fil-konfront tal-membri tal-familja tieghu.

Illi xehed ukoll Dr George Grech tad-Detox Centre, u fost affarijiet ohrajn, qal illi dwar Charles Zammit kien hemm suspett qawwi illi l-urina illi issottometta setghet ma kienitx tieghu u dana peress illi Zammit kien qieghed fuq

treatment ta’ methadone, izda mill-urina illi issottometta t-test hareg negattiv ghal methadone.  Dr Grech xehed ukoll illi kien avza lil Charles Zammit illi kien ser jirrappurtah lill-Probation Officer u fil-fatt hekk ghamel.  Dr Grech kompla jixhed illi Zammit baqa’ imur kulljum id-Detox Centre ghal methadone, izda ma tahx aktar urine sample minkejja l-fatt illi hu kien jitolbu l-urine sample regolarment.  Dr Grech xehed illi Charles Zammit ghandu bzonn hafna ghajnuna, pero’ fl-istat li qieghed bhalissa ta’ chaos shih ghandu bzonn imur x’imkien contained u jkun sfurzat fuqu xi tip ta’ trattament, u dana ghall-gid tieghu, tal-familja tieghu u tas-socjeta’.  Izda din trid tigi imposta fuqu ghaliex volontarjament ma jahsibx illi Zammit ser jaghmilha.  Fost diversi affarijiet ohrajn, Dr Grech qal illi Charles Zammit ma kienx fi stat tajjeb, u kien ralu toqob f’idejh u anke f’saqajh.  Huwa xehed ukoll illi Zammit ibaghti minn “obsessive compulsive psychosis” u, meta jkun taht l-effett tad-droga il-paranoja tkun “psychotic”.

Illi xehed ukoll it-Tabib Psikjatra Joseph Spiteri u qal illi lil Charles Zammit ilu jafu ghaliex ikkurah kemm fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin, kif ukoll fid-Detox Centre u fl-isptar Monte Carmeli.  Huwa xehed illi Zammit ghandu problemi komplessi, ghandu l-problema ta’ sahha mentali peress li ibaghti minn “schizo affective disorder” u meta jiehu s-sustanzi illeciti hafna drabi ikun “depressed” hafna jew inkella ikun paranojku ta’ barra minn hawn u isir aggressiv hafna kemm ma tal-familja, kif ukoll mieghu stess.  Dwar l-istat mentali tieghu, huwa xehed illi Zammit kien paranojku u ghadu.  Urine ma tahx meta dahal u mill-istat fiziku fiziku tieghu jidher li kien mar lura hafna.  Huwa xehed illi l-pjan kien illi Zammit kellu izomm kuntatt maghhom izda Zammit dan ma ghamlux.  Il-psikjatra Joseph Spiteri xehed a fol 29 tal-process illi ma ghandu l-ebda dubju illi Charles Zammit huwa “repeat defaulter”, anke wara li kien ikkonkluda b’success programm fis-SATU.  Huwa xehed illi fil-prezent jekk Zammit johrog fis-socjeta’ jista jkun ta’ perikolu kemm ghalih, kif ukoll ghas-socjeta’ in generali.

Illi xehed Carmel sive Charles Zammit u ma setgha jaghti l-ebda spjegazzjoni ghaliex l-urine sample illi issottometta

ghat-test hareg negattiv ghal methadone meta huwa jiehu l-methadone kuljum. Huwa qal illi ma jistax jispjega li dan Zammit xehed ukoll illi kemm John Testa, kif ukoll Dr George Grech gidbu u hawdu fuqu.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti tara illi mill-provi prodotti irrizulta car daqs il-kristall illi Carmel sive Charles Zammit ma qaghadx ghad-direttivi moghtija lilu mill-istess Ufficjal tal-Probation u ghalhekk huwa kiser l-ordni tal-Probation imposta mill-Qorti permezz tas-sentenza taghha tad-9 ta' Otttubru, 2003.

Ikkunsidrat :

Illi l-argument principali tad-difiza huwa illi peress illi fil-11 ta' April 2005 Charles Zammit kien gie misjub hati illi kiser il-probation order imposta fuqu bis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Ottubru, 2003, allura din il-Qorti ma tistax terga titratta mieghu talli kiser l-istess imsemmija ordni ta' probation. L-argument tad-difiza huwa illi jekk ikun hemm ksur iehor ta' dik l-ordni tal-probation wara l-11 ta' April 2005, peress illi l-Qorti fis-sentenza taghha tal-11 ta' April ghazlet li ma twaqqax l-ordni tal-probation, allura sussegwenti ghad-data tal-11 ta' April, 2005 jekk ikun hemm ksur iehor, l-Qorti tista tiehu konjizzjoni ta' dak il-ksur, tista tikkundannah ghall-ammenda, jew tista taghzel illi titratta mieghu ghar-reati originali sa kemm ma tkunx trattat diga', ghaliex jekk tkun diga trattat, allura ma tistax terga titratta mieghu.

Ikkunsidrat :

Illi permezz tas-sentenza li inghatat fil-11 ta' April, 2005 minn din il-Qorti, diversament presjeduta kontra Carmel Zammit, il-Qorti, b'referenza ghall-ksur ta' l-ordni tal-probation mahruga minn din il-Qorti kif presjeduta permezz ta' sentenza tad-9 ta' Ottubru, 2003, rat l-Artikolu 21 (2) tal-Kap. 446, fakkret lill-imputat li l-Qorti setghet timponi sanzjoni iebsa li kien ikun suggett ghaliha, izda minflok il-Qorti ghazlet li tkompli izzommu taht il-probation order moghtija permezz ta' dik is-sentenza u

ikkundannatu jhallas mitt lira ammenda talli kiser il-kundizzjoni. Dan ifisser illi dik il-Qorti ma kienitx ghazlet li titratta ma Charles Zammit ghar-reat li dwaru kienet saret is-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-Qorti tista titratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-Qorti ghal dak ir-reat, izda ghazlet minflok illi izzomm l-ordni tal-probation fis-sehh u illi twahhlu ammenda ta' mitt lira.

Illi, f'dan ir-rigward, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-4 ta' Awissu, 1999 fl-ismijiet "Ivan Fenech kontra Avukat Generali". Permezz ta' din is-sentenza l-Qorti Kostituzzjonali kienet iddecidiet illi l-fatt illi persuna tigi trattata dwar sentenza sospiza u l-Qorti tiddeciedi li testendi l-perjodu operattiv fis-sentenza ma jipprekludix Qorti ohra li issib lill-istess persuna hati ta' reat iehor kommess fil-perjodu operattiv originali tas-sentenza sospiza, milli tirrendi operattiva dik is-sentenza sospiza.

"Altrimenti naqghu fl-assurd li jekk Qorti deherilha li kellha testendi l-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ghaliex ir-reat l-iehor sussegwenti kien jikkonsisti fi hsara volontarja, Qorti ohra li issib hati lill-istess persuna ta' omicidju volontarju kommess fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza ma tkunx tista tirrendi operattiva dik is-sentenza sospiza. Fil-fatt li Qorti titratta darbtejn jew aktar dwar l-istess persuna in konnessjoni mal-istess sentenza sospiza ma hemm l-ebda element ta' ne bis in idem, anzi din hija haga mill-aktar normali. Dik il-persuna tkun giet processata darba ghar-reat li dwaru inghatat is-sentenza sospiza. Meta l-Qorti terga titratta dwaru in konnnessjoni ma l-istess sentenza sospiza ma tkunx qeghda tipprocessah mill-gdid ghar-reat originali. Kull ma tkun qeghda taghmel ikun li qeghda tezamina jekk il-kundizzjoni ghas-sospenzjoni tas-sentenza gietx miksura u fl-eventwalita li tirriskontra tali ksur ma hemm xejn fil-Ligi x'jippreludiha milli tirrendi operattiva dik is-sentenza, anke jekk Qorti ohra dwar reat differenti kommess fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza deherilha li in virtu tan-natura ta' dak ir-reat differenti ma kellhiex tirrendi operattiva is-

sentenza u minflok deherilha li kellha testendi dak il-perjodu operattiv.”

Il-Qorti Kostituzzjonali ghamlitha cara illi ma kienitx qeghda tghid illi meta jkun hemm vjolazzjonijiet multipli u mhux fl-istess kuntest ta’ zmien u kawzi ta’ ordni ta’ sentenza sospiza f’kull kaz ghandha tigi applikata s-sanzjoni kontemplata mill-Ligi billi s-sentenza sospiza tigi attivata aktar minn darba.

In fatti qed taghmilha cara din il-Qorti illi una volta attivata s-sentenza sospiza minhabba li jkun gie kommess reat punibbli bi prigunerija fil-perjodu operattiv taghha l-istorja tieqaf hemm, anke jekk jirrizulta li fl-istess perjodu operattiv gew kommessi vjolazzjoni konsistenti f’reati ohra punibbli bi prigunerija. Jigifieri una volta stabbilit il-ksur, una volta stabbilit li gie kommess reat iehor punibbli bi prigunerija fil-kors tal-perjodu operattiv ta’ l-ordni tas-sentenza sospiza, jekk minhabba f’hekk dik is-sentenza sospiza tigi attivata certament mhuwiex il-kaz li f’kazijiet sussegwenti fejn ic-cirkostanzi huma simili, cioe’ fejn jirrizulta ksur ta’ l-istess sentenza sospiza jerga jigi riattivat dak li fil-fatt huwa diga attivat.

Ikkunsidrat :

Illi b’analogija ghal dak illi gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta’ reati ohrajn kommessi fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza, il-Qorti tara illi l-principju tl-kaz odjern japplika.

Illi, permezz tas-sentenza tal-11 ta’ April, 2005, il-Qorti tal-Magistrati ma kienitx ghazlet illi titratta mal-hati bhal li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-Qorti ghal dak ir-reat, izda kienet iddecidiet illi minghajr pregudizzju ghat-tkomplija tas-sanzjoni, jigifieri ta’ l-ordni ta’ probation, twahhal lill-hati ammenda ta’ mitt lira (LM 100). Dan ifisser ghalhekk li xejn ma jipprekludi lil din il-Qorti, illi illum titratta mieghu bhal li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk ir-reati illi taghhom huwa

kien gie misjub hati permezz tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Ottubru, 2003.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti, wara li rat l- Artikoli 18, 167, 183, 188, 308, 334 tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 10 (1) (a), tal-Kap 152 kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Kap. 446, filwaqt illi issib lil Carmel sive Charles Zammit hati tar-reati kollha migjuba kontra tieghu qeghda tikkundannah ghal prigunerija ta' sentejn. Il-Qorti tirrakkommanda bis-shih lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jakkorda kull opportunita lil Charles Zammit sabiex, jekk dan ta' l-ahhar ikun jixtieq, jaghmel programm ghar-riabilitazzjoni tad-droga fi hdan is-SATU.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------